**QORTI TA'L-APPELL KRIMINALI**

**SEDE SUPERJURI**

**Onor. Prim Imhallef Dr. Joseph Azzopardi LL.D.**

**Onor. Imhallef Dr. Joseph Zammit McKeon LL.D.**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Att tal-Akkuza numru 13/2018**

**Ir-Repubbblika ta' Malta**

**Vs**

**Kevin Grima**

Illum 22 ta' Jannar 2020

Il-Qorti;

**1**. Rat l-Att tal-Akkuża mressaq quddiem il-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fl-10 ta' Awwissu 2018, kontra Kevin Grima li bis-saħħa tiegħu l-istess Avukat Ġenerali akkuża :

> **<u>Fl-Ewwel u Uniku Kap</u>** wara li ppremetta illi fis-27 ta' Awwissu tas-sena Elfejn u Ħdax (2011), il-Pulizija ta' l-Iskwadra kontra d-Droga daħlitilhom informazzjoni li passiġġier ta' Nazzjonalita' Olandiża, ċertu Paul Peter Pietka kien ġej Malta minn Eindhoven, l-Olanda fuq titjira Ryanair bin-numru FR 3476, u li aktarx kien qed iġorr ammont ta' droga fuq il-persuna tiegħu;
>
> Illi sar arranġament bejn is-sezzjoni tad-drogi tal-Pulizija u l-Uffiċjali tad-Dwana stazzjonati ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta (MIA) sabiex din il-persuna Olandiża titħalla għaddejja, sabiex l-Pulizija tkun tista' issegwi l-movimenti tal-istess Paul Peter Pietka sabiex tara ma min kien ser eventwalment jiltaqa. Wara irriżulta li dan Paul Peter Pietka ġie imqabbad minn persuna li ġġib l-isem ta' "Stone" aktarx ċittadin Olandiż ukoll, sabiex

jittrasporta ammont ta' droga minn Eindhoven fl-Olanda għal Malta fl-organi interni tiegħu, filwaqt li malli jasal Malta ingħata struzzjonijiet li kellha tiġi persuna għandu ħalli tieħu l-konsenja tad-droga u ttiħ il-pagament għall tali droga;

Illi numru ta' Uffiċjali tal-Pulizija cioe' PS 1086, PS 1220, PC 857 u WPC 127, filfatt segwew lis-sur Pietka mill-Ajruport Internazzjonali ta' Malta sad-destinazzjoni tiegħu f'Tas-Sliema, fejn daħal ġewwa s-Sliema Chalet Hotel u pprenota kamra bin-numru 773. Ftit tal-ħin wara huwa ġie arrestat mill-Pulizija waqt li kien miexi lejn il-kamra tiegħu. Wara li ingħata d-debita twissija rigward id-drittijiet tiegħu, huwa ġie mistoqsi jekk kienx qed iġorr xi sustanzi illeċiti miegħu. Eventwalment huwa għadda lill-Pulizija borża żgħira bil-kannabis kif ukoll borża b'20 kapsola b'sustanza ta'lewn bajdani li wara rriżultat li kienet kokajina. Kien anke nforma lill-Pulizija li ġewwa l-persuna tiegħu kien għad fadal 41 kapsola oħra;

Illi wara li nforma lill-Pulizija tal-iskwadra ta' kontra d-drogi b'dan kollu huwa stqarr li xtaq ikompli jassisti lill-Pulizija f'din l-investigazzjoni. L-iSpettur Jesmond J. Borġ li kien qed jinvestiga l-każ informa minnufiħ lill-Maġistrat (illum Imħallef) Jacqueline Padovani Grima b'dawn il-fatti, li min-naħa tagħha awtorizzat li ssir 'controlled delivery' kif ukoll ordnat li ssir inkjesta fejn ġew maħtura diversi esperti. Sadanittant fil-lukanda f'Tas-Sliema fil-kamra bin-numru 773 bejn is-2.00pm u s-2.30pm, fil-preżenza ta' PS 1220 u PC 857, Paul Peter Pietka espella mill-intern tiegħu 22 kapsola filwaqt li fl-4.45pm fil-preżenza ta' PC 760 u PC 364 għadda 10 kapsoli oħra. Minnufiħ ittieħed l-isptar sabiex jingħata l-kura meħtieġa u waqt li kien fil-preżenza ta' PC 279 u PC 365 Paul Peter Pietka għadda 8 kapsoli għall-ħabta tad-9.00pm u kapsola oħra fis-1.45am ta' filgħodu;

Illi għall ħabta tad-9.00am ta' filgħodu l-imsemmi Paul Peter Pietka irċieva telefonata minn barra fejn persuna barranija (ċertu 'Stone' imsemmi iktar il'fuq) infurmatu illi kien ser jibgħat lil xi ħadd sabiex jiġbor il-kapsoli tad-droga minn għandu u li kellu jirċevi l-ammont ta' €7,000 fi flus kontanti għal dawn il-kapsoli. Filfatt għall ħabta tad-9.30am, l-akkużat Kevin Grima ħabbat il-bieb tal-kamra ta' Paul Peter Pietka u daħal ġewwa filwaqt li għadda is-€7,000 lil Pietka meta dan wrieħ il-pakkett li Grima kien qed jaħseb li kien mimli bil-kapsoli. Kif l-akkużat Kevin Grima kien ser jaqbad il-pakkett ġie immedjatament arrestat f'intervent f'waqtu mill-Pulizija preżenti fuq il-post;

Illi l-akkużat ħallas is-somma ta' €7,000 sabiex jieħu f'idejħ il-konsenja ta' 61 kapsola kontjenenti 585.55 gramma tad-droga kokajina b'purita' medja ta' ċirka 38.5%, u li kienet iġġib il-valur fis-suq ta' ċirka €44,506, liema valur huwa indubbjament konsiderevoli;

Illi l-akkużat għamel dan in segwitu għal ftehim li huwa kellu ma' persuna/i f'Malta jew barra minn Malta fejn kien miftiehem u maqbul il-'modus

operandi' li biħ kienet se tiddaħħal il-konsenja tad-droga Kokajina ġewwa Malta, inkluż il-mezzi, il-lok minn fejn kellu jiġbor din il-konsenja mingħand Paul Peter Pietka u saħansitra l-ammont ta' flus li kellu jghaddi lill-istess Paul Peter Pietka;

Id-droga kokajina hija sustanza illeċita imsemmija fit-Taqsima I tal-Ewwel Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi inoltre l-akkużat irrenda ruħu reċediv permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar is-7 ta' Mejju 2010, per Maġistrat (illum Imħallef emeritus) Dr. Lawrence Quintano LL.D, l-akkużat Kevin Grima kien instab ħati ta' diversi delitti, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel.

Illi bl-aġir tiegħu, l-akkużat irrenda ruħu ħati talli assoċja ruħu ma persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta, sabiex ibiegħ, jew jittraffika, mediċina f'Malta, cioe' kokajina, u dan kontra d-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta akkuża lill-imsemmi Kevin Grima, reċidiv f'delitt, ħati talli fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Awwissu tal-Elfejn u Ħdax (2011) u fil-jiem ta' qabel din id-data, assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegħ jew jitraffika mediċina f'Malta (kokajina) kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni.

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali talab illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Kevin Grima, u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf erba' mija tmienja u sittin Euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67), u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat, u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 15, 15A, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24A u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Mediċini Perikolużi (Avviż Legali 292/1939), u fl-artikoli 17, 23, 23B, 23Ċ, 49, 50, u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għal- ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**2**. Rat is-sentenza moghtija mil-Qorti Kriminali fit-30 ta' April, 2019, li bis-sahha taghha wara li l-akkuzat Kevin Grima irregistra ammissjoni ghall-akkuza migjuba kontra tieghu fl-uniku Kap tal-Att tal-Akkuza, l-Qorti sabitu recediv u hati talli:

> **fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Awwissu tal-Elfejn u Ħdax (2011) u fil-jiem ta' qabel din id-data, assoċja ruħu ma xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegħ jew jitraffika mediċina f'Malta (kokajina) kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni**

**3**. Rat illi l-Ewwel Qorti wara li rat l-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 15, 15A, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(aa)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24A u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll intern ta' Medicini Perikoluzi (Avviz Legali 292/1939) kif sussegwentement emendati u kif jinsabu fil-legislazzjoni sussidjarja 101.02 kif ukoll l-artikoli 17, 23, 23B, 23Ċ, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **kkundannatu ghal hames (5) snin prigunerija u ghal hlas ta' multa ta' tnax-il elf ewro (€12,000)**. Ordnat wkoll il-hlas tal-ispejjez tal-esperti inkorsi f'dan il-process skont l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fi zmien hmistax (15)- il jum minn meta r-Registratur jikkomputa l-ammont dovut u jikkommunikah lill-hati Kevin Grima sabiex ihallashom, u f'kaz li ma jithallsux fi zmien hmistax (15)-il jum minn dik in-notifika, jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija skont il-ligi. Ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat inkluz is-sebat elef ewro (€7000) li l-akkuzat ghadda lil Paul Peter Pietka u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli ohra tal-hati. Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota, li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax-il (15) jum mid-data li din is-sentenza tigi reza finali, li d-droga esebita hija mehtiega ghal konnessjoni ma' xi proceduri kriminali ohra kontra terzi persuni, id-droga kollha esebita u l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur tal-Qorti Kriminali li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni u jingiebu a konjizzjoni tal-Qorti b'nota appozita b'kopja li ghandha tigi notifikata lill-Avukat Generali u lill-hati.

**4**. Rat ir-rikors tal-appell ta' Kevin Grima, pprezentat fil-21 ta' Mejju, 2019, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tikkonferma s-sentenza in kwantu l-appellant instab hati tal-akkuza hekk kif dedotta, tvarjaha u tibdilha in kwantu jikkoncerna l-aggravji iccitati u fl-eventwalita' biss illi din l-Onorabbli Qorti jidhirilha illi ghandha tiskarta l-ewwel aggravju, tvarja l-piena nflitta ghal wahda aktar ekwa, gusta u miti illi tirrispekkja l-fatti tal-kaz odjern.

**5**. Rat illi l-aggravji tal-appellant Kevin Grima huma s-segwenti w *cioe'*:-

> i. Illi l-ewwel Onorabbli Qorti Kriminali naqset milli tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi meta ghazlet illi ma tapplikax l-Artikolu 29 tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu jikkoncerna l-piena inflitta.
>
> ii. Illi l-piena inflitta hija wahda eccessiva u ma tirrispekkjax il-fatti tal-kaz odjern.

**6**. Rat ir-risposta imressqa mill-Avukat Generali fl-1 ta' Lulju 2019 fejn talab lill-Qorti tichad l-aggravji imressqa mill-appellant u tikkonferma s–sentenza appellata.

**7**. Rat l-atti kollha tal-kawza.

**8**. Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

**9**. Illi dan l-appell jirrigwarda limitatament il-piena erogata mill-Qorti Kriminali fil-konfront tal-appellant Kevin Grima u dan wara li hu rregistra ammissjoni għall-unika akkuża miġjuba kontra tiegħu. Jishaq illi gjaldarba kellu jirrizulta mix-xiehda tal-Ispettur Investigattiv Jesmond J. Borg illi huwa ikkollabora mal-pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet fit-termini tal-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti kellha tapplika it-temperament fil-piena hemmhekk dispost, haga li l-Ewwel Qorti naqqset milli taghmel. *In susbisidium* jikkontendi illi fi kwalunkwe kaz, il-piena erogata kienet wahda harxa izzejjed u ghalhekk xortawahda ghandha tigi mitigata, anke jekk l-ewwel aggravju jigi michud.

**10**. Illi fit-termini tal-ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, "**meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun**

**qiegħed jassumi r-responsabilita` tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruhu għal kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati oħra ta' appell ma jidħlux f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kinitx eċċessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat**.[1]" In oltre l-ġurisprudenza tagħna wkoll tindika li m'hemm assolutament l-ebda garanzija jew obbligu fuq l-awtorita' ġudikanti li teroga piena mnaqqsa għas-sempliċi fatt li l-gudikabbli jkun ammetta, dment dejjem li l-piena mposta tkun kif inghad fil-parametri tal-liġi.[2]

**11**. Issa fl-ewwel aggravju minnu intentat l-appellant, kif inghad, qieghed jishaq illi l-fattispecje ta' dan il-kaz jissarrfu f'dak imfisser fl-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta billi huwa ghen lill-pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet taghha. Jishaq illi bil-fatt illi l-appellant assista lil pulizija tant illi dawn wasslu biex bl-informazzjoni li ghaddielhom huma setghu jixlu terzi persuni fuq reati ohra mhux relatati ma' dan il-kaz, dina l-assistenza hekk moghtija taqa' fit-tifsira moghtija mill-legislatur fl-artikolu 29 ghalkemm l-ghajnuna moghtija ma kenitx relatata mal-kaz in dizamina.

**12**. Illi huwa evidenti illi l-appellant qieghed jaghti interpretazzjoni aktar wiesgha tal-artikolu 29 tal-Kapitolu 101. Dan meta il-kliem adoperat mill-legislatur f'din id-disposizzjoni tal-ligi fejn jinghad "**il-persuna tkun għenet lill-Pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu pprovdewlha l-mediċina, jew il-persuna misjuba ħatja kif intqal qabel tipprova għas-sodisfazzjon tal-qorti li <u>tkun hekk għenet lill-Pulizija</u>**", qed jinghata t-tifsira mill-appellant illi l-ghajnuna moghtija tkun

---

[1] Ir-Repubblika ta' Malta vs Joseph Zerafa et – App. Sup. 15.12.2015

[2] Ara fost oħrajn Pulizija vs Omissis deċiż fit-23.01.13 mill-Imħallef David Scicluna, Pulizija vs Ryan Dimecch deċiż nhar l-4.11.2004, mill-Imħallef Joe Galea Debono, Pulizija vs Emanuel Magro deċiża nhar it-2.6.2004, mill-Imħallef David Scicluna, Pulizija vs Joseph Scerri deċiża nhar it-12.5.04 deċiża mill-Imħallef David Scicluna, Pulizija vs Salah Aldin M.m.bin Abdo Alslam deċiż nhar il-5.12.03 mill-Imħallef VincentDegaetano, Pulizija vs Massimiliano Maurizio deċiż nhar it-13.11.03 mill-Imħallef Joe Galea Debono, Pulizja vs. Jeremy James Farrugia, deċiż nhar l-14.10.03 mill-Imħallef Joe Galea Debono, Pulizija vs Mark Mifsud deċiż nhar is-6.12.02 mill-Imħallef Vincent Degaetano, Pulizija vs Carmel Zammit sive Charles deċiża nhar id-29.07.2002, Pulizija vs Emanuel Testa deċiża nhar is-17.7.02 mill-Imħallef Vincent Degaetano, Pulizija vs Joseph Attard deċiż nhar is-26.01.01 mill-Imħallef Patrick Vella, ilkoll deċiżi mill-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri.

tirreferi ghal kwalunkwe investigazzjoni kondotta mill-investigaturi u mhux biss dik pertinenti ghall-investigazzjonijiet marbuta mal-proceduri penali fejn huwa ser jigi aggudikat.

**13**. Illi l-assistenza li ghadda l-appellant Kevin Grima tohrog mix-xiehda tal-ispettur Jesmond J. Borg moghtija quddiem l-Ewwel Qorti fit-03 ta' April 2019, minn fejn jirrizulta illi l-appellant kien gie imqabbad minn terza persuna injota sabiex jigbor konsenja ta' droga minn ghand persuna ta' nazzjonalita Olandiza certu Paul Peter Pietka li kien qieghed jirrisjedi gewwa lukanda f' Tas-Sliema. Din id-droga allura ma kenitx destinata ghall-appellant li jidher li kellu jithallas s–somma ta' €500 ghal din il-bicca xoghol. L-appellant ma ikkoperax mal-pulizija, fis-sens illi huwa qatt ma indikalhom min kienet din it-terza persuna li kienet inkarigatu jigbor id-droga minn ghand id-*drug mule*. Jidher madanakollu illi meta l-appellant gie moghti l-helsien mill-arrest, huwa ghadda informazzjoni lil pulizija dwar persuni ohra li ma kenux relatati ma' dan il-kaz, liema informazzjoni wasslet sabiex dawn in-nies tressqu l-qorti u rcevew il-kundanna ghal vjolazzjoni tal-ligi minnhom kommessa.

**14**. Illi l-Ewwel Qorti fuq dan il-punt hekk iddecidiet:

> **"Fil-kaz odjern, kif ikkunsidrat, ma japplikax l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta stante li minn imkien ma jirrizulta li l-akkuzat kixef lil minn kien ser jghaddi d-droga u ghalhekk min bghatu biex jigbor id-droga u ma provdix informazzjoni rigwardanti d-droga in kwistjoni u dan stante li skont dak li xehed is-Supretendent Jesmond Borg quddiem din il-Qorti, l-hati Kevin Grima kien beza jikxef. Izda is-Supretendent Jesmond Borg xehed ukoll li l-akkuzat Kevin Grima kien provda informazzjoni dwar terzi persuni u li b'din l-informazzjoni li kien provda l-hati Kevin Grima, kien wassal ghall-arrest u persuna kienet giet ikkundannata ghal prigunerija. Ghalhekk ghalkemm f'dan il-kaz ma japplikax l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti hija tal-fehma li gialadarba s-Supretendent ikkonferma li l-hati Kevin Grima kien ghen lil Pulizija, dan ghandu jigi rifless fil-piena li ser tigi inflitta."**

**15.** Illi d-dicitura tal-artikolu 29 tal-Kapitolu 101, fil-fehma ta' din il-Qorti, hija wahda cara u ma taghti lok ghal ebda interpretazzjoni hlief ghal dak hemmhekk imfisser. Illi meta l-legislatur fassal din id-disposizzjoni tal-ligi permezz tal-Att VIII tal-1986 (liema disposizzjoni tal-ligi qatt ma giet emendata) jidher illi t-temperament

fil-piena, billi jsir it-tnaqqis permezz ta' grad jew tnejn, kellu jsehh **jew** meta l-prosekuzzjoni tkun ghamlet dikjarazzjoni fl-atti fis-sens illi l-persuna akkuzata tkun ghenet lil pulizija biex taqbad lil persuna jew persuni li jkunu pprovdewlha l-medicina, **jew inkella** meta fid-diskrezzjoni tal-Qorti, minn dak li jirrizultalha mill-provi in atti, jidrilha li l-akkuzat jkun ghen lil pulizija f'dan is-sens. Din dejjem kienet ukoll l-interpretazzjoni moghtija mill-gurisprudenza kostanti ta' dawn il-qrati[3]. Issa jekk l-persuna akkuzata tkun ghenet lil pulizija f'stharrig iehor mhux marbut mal-kaz, dan ma jintitolahiex ghat-tnaqqis imfisser fl-artikolu 29, ghalkemm l-awtorita` gudikanti tista' tiehu dan il-fattur in konsiderazzjoni fil-kalibrazzjoni tal-piena bhala fattur mitiganti.

**16**. Illi dan kien il-hsieb ukoll ta' din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta, fl-appell fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Serag F. H. Ben Abid meta inghad hekk:

> **L-artikolu 29 tal-Kap 101 jipprovdi testwalment:**
>
> **"Meta dwar persuna misjuba hatja ta' reat kontra din lOrdinanza, il-prosekuzzjoni tiddikjara fil-process li dik il-persuna tkun ghenet lill-Pulizija biex taqbad lillpersuna jew lill-persuni li jkunu pprovdewlha lmedicina, jew il-persuna misjuba hatja kif intqal qabel tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li tkun hekk ghenet lill-Pulizija, il-piena titnaqqas …."**
>
> **L-appellant xehed quddiem l-ewwel Qorti u hemm implika lil certu Joseph Camilleri mlaqqam "il-harbat" u lil certu Faud Abid bhala l-persuni li qabbduh igib id-droga mill-Marokk, u li l-flus harighom Camilleri. Fl-ebda waqt izda ma jsostni li dawn it-tnejn min-nies "ipprovdewlu" xi medicina perikoluza. Difatti, kif jidher car mill-artikolu 29 citat, it-tnaqqis fil-piena jsir meta l-hati jkun ghen "lill-Pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu pprovdewlha l-medicini". F'dan il-kaz il-medicina perikoluza ma gietx ipprovduta ("supplied", fit-test Ingliz) lill-appellant mill-persuni indikati minnu fix-xiehda tieghu. Mela anke kieku l-pulizija kien irnexxielha "taqbad" ("apprehend", fit-test Ingliz) lill-imsemmijin zewg persuni bis-sahha tal-ghajnuna ta' l-appellant (haga li lanqas ma tirrizulta fil-kaz in ezami), xorta ma jistax jinghad li huwa applikabbli l-artikolu 29 imsemmi peress li ma kinux huma li pprovdewlu l-medicina perikoluza.**
>
> **Ghalhekk l-interpretazzjoni li tat l-ewwel Qorti ta' l-artikolu 29 tal-Kap 101 kienet korrettissima. U dan qieghed jinghad anke ghal dik il-parti tas-sentenza taghha fejn irreferiet ghall-fatt li wiehed miz-zewg persuni**

[3] App.Krim. (sede superjuri) Ir-Repubblika ta' Malta vs Anna Spiteri – deciza 10/04/2014, Ir-Republikka ta' Malta vs John Sultana et. (App.Sup.) 03/02/2005, ara ukoll The Republic of malta vs Kamil Kurucu App.Sup. 14/06/2007

**msemmija mill-appellant diga` kien ghaddej proceduri kriminali kontra tieghu u ghalhekk bix-xiehda tieghu, kemm-il darba "tigi accettata bhala wahda veritjera, [l-appellant] ikun qieghed semplicement isahhah il-kaz tal-prosekuzzjoni kontra dik il-persuna". Il-ligi hija cara u ma hemm l-ebda bazi biex l-interpretazzjoni taghha tigi estiza kif jippretendi l-appellant."[4]**

**17**. Illi b'analogija allura, fil-kaz odjern wisq inqas jista' jigi applikat it-tnaqqis mahsub fl-artikolu 29 tal-Kap.101 fil-konfront tal-appellant, u dan ghaliex il-persuna jew persuni indikati minnu lil-pulizija ma ghandhom xejn x'jaqsmu mal-kaz taht il-lenti ta' din il-Qorti. Dawn il-persuni fil-fatt jibqghu injoti, ghalkemm l-Ufficjal Investigattiv jixhed illi ttiehdu xi proceduri penali fil-konfront taghhom li ntemmu b'success. Kif inghad id-dicitura tal-ligi hija cara. L-artikolu 29 ghandu l-ghan illi jassisti lil pulizija biex jirrisolvu l-kaz li jkun qed jigi minnhom investigat fejn persuna tinqabad tikkommetti wiehed mir-reati mahsuba taht il-ligi tad-droga u dan sabiex ix-xibka tal-kriminalita' involuta fic-cirku tad-droga li tkun tinsab fiha l-persuna investigata tkun tista' tigi stultifikata u mrazzna u finalment twassal ghal prosekuzzjoni tal-persuni involuti fil-qorti. Fil-kors tax-xiehda tieghu l-ispettur Jesmond J. Borg la jindika min kienu l-persuni ndikati mill-appellant, kif lanqas jindika f'liema investigazzjonijiet l-appellant kien qed jassistiehom biex b'hekk nieqsa sahanistra din l-informazzjoni lanqas tista' l-Qorti tasal biex tqies jekk l-artikolu 29 ghandux jigi applikat. L-uniku informazzjoni li jaghti x-xhud hu biss fis-sens illi dawn l-investigazzjonijiet u sussegwentement il-proceduri penali li ttiehdu kontra terzi ma kellhom xejn x'jaqsmu mal-kaz in dizamina. Li kieku l-legsilatur ried illi it-tnaqqis kif mahsub fl-artikolu 29 kellu jkun applikabbli meta l-persuna maqbuda mill-pulizija tassistiehom b'mod generali u mhux b'referenza ghal dik l-investigazzjoni, dan kien jinghad f'termini cari fil-ligi, haga li ma hijiex imsemmija u kwindi l-Qorti ghandha idejha marbuta u trid tapplika l-ligi kif inhi.

**Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi dan l-ewwel aggravju qed jigi michud.**

[4] Ara wkoll The Republic of Malta vs Tony Johnson deciza App.Sup. 23/10/2014

Ikkunsidrat:

**18**. Issa, ghalkemm kif inghad, l-Ewwel Qorti gustament ma applikatx l-artikolu 29 tal-Kap.101 fil-konfront tal-appellant meta giet biex taghmel il-kalibrazzjoni tal-piena, madanakollu xortawahda hadet in konsiderazzjoni dan il-fatt u cioe' l-ghajnuna li offra l-appellant lil pulizija, fost fatturi ohra, bhala fattur mitiganti meta erogat il-piena ta' hames snin prigunerija fil-konfront tieghu.

**19**. Illi jibda biex jinghad *in primis* illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet wahda li taqa' fil-parametri tal-ligi u anzi tqarreb hafna lejn il-minimu biex b'hekk din il-Qorti tazzarda tghid illi l-piena kienet wahda ferm miti tenut kont tal-ammont ta' droga involuta f'dan il-kaz biex b'hekk l-appell intentat mill-appellant ixaqleb lejn il-fieragh.

**20**. Illi l-artikolu 22(2)(a)(i) tal-Kapitolu 101 jistabbilixxi piena fil-massimu taghha tal-prigunerija ghall-ghomor, liema piena, madanakollu titnaqqas ghal dik ta' bejn erba' snin u tletin sena prigunerija u multa ta' bejn €2329.37 u €116,468.67 meta l-Qorti tqies illi l-piena tal-prigunerija ghall-ghomor ma tkunx indikata ghal kaz u wara li jittiehdu in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi ravvizati fis-sub-inciz 2(a)(i)(aa) u (bb) ghall-artikolu 22. Huwa evidenti allura illi l-piena inflitta fuq l-appellant ta' hames snin prigunerija u multa ta' tnax-il elf ewro hija wahda kwazi fil-minimu assolut.

**21**. Illi l-Ewwel Qorti wasslet biex teroga din il-piena wara li qieset diversi fatturi mitiganti li kollha gew minnha imfissra dettaljatament fis-sentenza appellata, li din il-Qorti tikkondividi pjenament. Illi din il-Qorti ma tistax tara ghal liema raguni l-appellant allura iqies din il-piena bhala wahda eccessiva, meta il-fatturi kollha minnu indikati fl-aggravju tieghu kollha gew mehuda in konsiderazzjoni fis-sentenza li qed ifittex biex jimpunja.

**22**. L-Ewwel Qorti qalet hekk fis-sentenza taghha:

> **"Illi jirrizulta li l-kaz odjern imur lura ghat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Awissu tas-sena elfejn u hdax (2011) u ghalkemm fil-kumpilazzjoni, l-akkuzat wiegeb li mhux hati, huwa ma ressaqx eccezzjonijiet preliminari quddiem din il-Qorti u skont ma jirrizulta minn nota tal-akkuzat datata s-sebgha (7) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) huwa kien sa dakinhar bil-hsieb li jikkontesta l-mertu tant li ghalkemm iddikjara li ma ghandu ebda**

eccezzjoni preliminari xi jressaq f'dak l-istadju, iddikjara ukoll li 'l-proceduri sucitati huma kkontestati in kwantu jikkoncerna il-mertu;'.

Wara dan, kien hemm numru ta' differimenti sabiex il-partijiet jaslu ghal patteggament filwaqt li fil-hamsa (5) ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019), l-Qorti giet infurmata li l-patteggjament ma sehhx pero` l-akkuzat informa lil Qorti li bi hsiebu jirregistra ammissjoni. Kien fis-seduta tat-tlieta (3) ta' April tas-sena elfejn u dsatax (2019) li l-akkuzat kien irregistra l-ammissjoni tieghu. Ghalhekk ghalkemm l-ammissjoni ma tistax tigi kkunsidrata bhala wahda bikrija, din il-Qorti xorta trid tikkunsidra li l-ammissjoni giet registrata qabel ma gie ffurmat il-guri.

In oltre, jirrizulta ukoll li l-akkuzat ghandu l-vizzju tad-droga kif anke kkonfermat minn Dr Moses Camilleri li xehed li ukoll f'certu istanzi t-testijiet tal-urina tal-akkuzat ma urewx li kien qieghed jabbuza mid-droga u drabi ohra urew li kien ikkonsma d-droga. Ikkonferma ukoll li ra titjieb u rieda tajba fl-akkuzat.

Dwar li d-difiza tissottometti li l-gwadan kien biss ta' hames mitt ewro (€500), din il-Qorti tikkunsidra li din tirrizulta mill-istqarrija tal-akkuzat li ma jidhirx li l-volontarjeta' jew l-ammissibilita' taghha giet ikkontestata nonostante z-zmien ta' meta ttiehdet u minn dak li xehed is-Supretendent Jesmond Borg quddiem din il-Qorti, izda din il-Qorti lanqas ma tista' ssib li l-allegazzjoni li l-akkuzat kien ser jithallas hames mitt ewro (€500) biss sabiex jigbor id-droga giet pruvata sal-grad tal-probabbli mid-difiza. Ghalhekk din il-Qorti sejra tiskarta din il-kunsiderazzjoni.

Jirrizulta li l-fedina penali tal-akkuzat ma hijiex wahda netta tant li fis-sebgha (7) ta' Mejju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) huwa gie misjub hati li fl-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008) u l-gimghat ta' qabel din id-data, huwa kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u li sar recediv. Fil-kap tal-att tal-akkuza, l-Avukat Generali issottometta ukoll li 'l-akkużat irrenda ruħu reċediv permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar is-7 ta' Mejju 2010, per Maġistrat (illum Imħallef emeritus) Dr. Lawrence Quintano LL.D, l-akkużat Kevin Grima instab ħati ta' diversi delitti, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel.' Ghalhekk jirrizulta li r-reat li l-hati ammetta li kkommetta sehh ftit xhur wara l-ghoti tas-sentenza tas-sebgha (7) ta' Mejju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) li hija esebita a fol 91 u 92 bhala JJB2 u a fol 144 u 145 u mmarkata bhala Dok JJB.

Din il-Qorti temfasizza li kull kaz ghandu l-fatti speci partikolari tieghu u ma taqbilx li l-kunsiderazzjonijiet dwar il-piena ghandhom ikunu statici, fis-sens li ma taqbilx li l-piena tiddependi biss fuq l-ammont ta' droga, il-purita' u l-valur taghha. Din il-Qorti temfasizza li ma jfissirx li jekk Paul Peter Pietka inghata sentenza b'piena miti, l-hati Kevin Grima ghandu wkoll jinghata piena miti. Il-piena li ghandha tigi imposta trid tirrifletti c-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Din il-Qorti izda ma tistax ma tqis x'kien l-involviment u l-partecipazzjoni ta' Kevin Grima fejn skont ma jirrizulta mill-atti processwali kien anqas mill-partecipazzjoni u l-involiment ta' Paul Peter Pietka fejn Paul Peter Pietka dahhal id-droga hawn Malta mill-Olanda filwaqt li Kevin Grima mar b'sebat'elef ewro (€7,000) jigbor din id-droga. Di piu', jirrizulta li Paul Peter Pietka kien anke akkuzat b'akkuzi ohra fosthom dik rigwardanti l-pussess tal-Cannabis. Din il-Qorti izda temfasizza li l-fatt li jirrizulta li l-partecipazzjoni ta' Paul Peter Pietka kien sostanzjament akbar minn dak tal-hati Kevin Grima ma jnaqqas xejn mill-gravita' tar-reat li kkometta l-hati Kevin Grima u dan stante li kull forma ta' involviment hija holqa krucjali fil-katina illecita' ta' bejgh jew traffikar ta' droga u li ghalhekk Kevin Grima ghandu jwiegeb ghal dak li kkommetta hu u l-piena ghandha tirrifletti c-cirkostanzi kollha tal-kaz."**

**23**. Illi din il-Qorti ma ghandha ghalfejn izzid xejn aktar ma' dawn il-konsiderazzjonijiet. Ittiehed in konsiderazzjoni mill-Ewwel Qorti l-problema tad-droga li l-appellant huwa mahkum minnha u l-progress li ghamel matul dawn il-proceduri. Qieset ukoll dak allegat mill-appellant illi huwa kien ser jaghmel gwadann minn din l-operazzjoni ta' hames mitt ewro biss, ghalkemm qieset illi dan il-fatt ma giex ippruvat mid-difiza sal-grad tal-probabbli. Applikat bhala fattur mitiganti il-koperazzjoni u l-assistenza li l-appellant ghadda lil pulizija, kif imfisser fix-xiehda tal-Ispettur Jesmond J. Borg, kif qieset ukoll l-ammissjoni registrata mill-appellant qabel il-formazzjoni tal-guri. Finalment anke hadet in konsiderazzjoni l-paragun li l-appellant ghamel mal-piena inflitta fuq il-komplici tieghu Paul Peter Pietka.

**24**. Kif gie deciz minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fis-sentenza "The Republic of Malta vs Carine Rose-Marijke Donckers and Johnny Jos Haest" (deciza 09/08/2018):

**41. On the question of the quantum of punishment given in other proceedings not related to the case of the appellants, Archbold in Criminal Pleading, Evidence and Practice, 2009 (para. 5-106, p. 635) comments that :-**

**"The court will not make comparisons with sentences passed in the Crown Courts in cases unconnected with that of the appellant (see R. v. Large, 3 Cr.App.R.(S) 80, C.A.). There is some authority for the view that disparity will be entertained as a ground of appeal only in relation to sentences passed on different offenders on the same occasion: see R. v. Stroud, 65 Cr. App.R. 150, C.A. It appears to have been ignored in more recent decisions, such as R. v. Wood, 5 Cr.App.R.(S) 381. C.A., Fawcett, ante, and Broadbridge, ante. The present position seems to be that the court will entertain submissions based on disparity of sentence between offenders involved in the same case,**

**irrespective of whether they were sentenced on the same occasion or by the same judge, so long as the test stated in Fawcett is satisfied." …..**

**44. In Blackstone's Criminal Practice 20045 it is stated that :**

**"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). 5 at page 1695, para D23.45 20 Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated '... that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."**

**25**. Issa kif inghad din il-Qorti hija tal-fehma illi f'dan il-kaz il-piena inflitta certament ma kenitx wahda harxa jew eccessiva, billi kienet tqarreb hafna lejn il-minimu mahsub fil-ligi. L-appellant li kien ghadu kemm gie misjub hati ta' reati simili ftit taz-zmien qabel, dahal b'ghajnejh miftuha ghal dina l-operazzjoni kriminuza, accetta li isir parti minn cirku ta' traffikar ta' droga bit-tama li huwa jaghmel qliegh personali. Illi l-ammont ta' droga involuta lanqas ma kien xi wiehed negligibbli. Illi l-espert nominat fl-*in genere* l-Ispizjar Mario Mifsud[5] jikkonkludi illi l-piz tad-droga kokajina mportata u li kienet ser tigi ttraffikata kien ilahhaq kwazi sitt mitt gramma ta' purita ta' cirka 38.5% b' valur fuq is-suq ta' madwar €44,000. L-appellant qatt ma jindika lil pulizija min kien l-ispaccatur li ghalih kienet destinata din id-droga ghax

[5] Ara rapport Dokument MM a fol.97 et seq. tal-atti kumpilatorji

kien bezghan. Illi allura mehuda dawn il-fatti probatorji in konsiderazzjoni l-piena ta' hames snin prigunerija u multa ta' tnax-il elf ewro fic-cirkostanzi kienet wahda miti u tqarreb lejn il-minimu u dan ghaliex l-Ewwel Qorti gustament hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi mitiganti, ghaliex altrimenti l-piena kienet tkun wahda ferm aktar oneruza.

**Ghal dawn il-motivi anke dan l-aggravju qed jigi michud.**

**Ghaldaqstant ghal motivi kollha hawn fuq migjuba l-appell tal-appellant Kevin Grima qed jigi michud, u s-sentenza appellata ikkonfermata fl-intier taghha.**

Onor Prim Imhallef Dr Joseph Azzopardi

Onor Imhallef Dr Joseph Zammit McKeon

Onor Imhallef Dr Edwina Grima